MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 111/2001/1

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta’ Jannar 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fis-7 t’Ottubru 1989 izda huma prezentement *de facto* separati minn xulxin;

Illi miz-zwieg ta’ bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal li huma minuri;

Illi l-imsemmi “B” sar hati kontra l-attrici martu ta’ sevizzi, minacci u ngurji gravi, b’mod li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1495/00 (anness u mmarkat bhala Dok “MV1”);

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni li *talvolta* tista’ tkun necessarja:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Vella minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta fuq l-attrici;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f’idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija wliedha minuri dik ir-retta alimentarja li din il-Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-mezzi ta’ zewgha;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* billi jigi nominat perit nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat id-digriet datat 1495/2000 tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri datat 24 ta’ Ottubru 2000 fejn l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-sepazzjoni personali minn zewgha, b’dan li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri Tiziana u Svetlana gew fdati f’idejn l-omm b’access kif miftiehem bejn il-partijiet; u l-konvenut gie ordnat sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment l-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha kwantu ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) favur l-attrici u erbghin lira Maltin (Lm40) favur il-minuri, u dan kull gimgha bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici b’effett mid-data ta’ l-istess Digriet, cjoe’ ta’ l-24 ta’ Ottubru kollox kif jirrizulta minn Dok. “MV1” a fol. 4 sa 6 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo b’digriet datat 24 ta’ April 2001 ghas-seduta ta’ l-24 ta’ Settembru 2001.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u dan kif jidher mir-riferti relattivi datati 19 ta’ Lulju 2001 *a tergo* ta’ fol. 9 u fol.11 tal-process rispettivament.

Rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat is-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn minkejja li nnotat li l-konvenut kien kontumaci u fil-fatt gie msejjah ukoll diversi drabi u baqa’ ma deherx il-Qorti hekk presjeduta nnominat lill Dr. Greta Agius bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi.

Rat l-avviz ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-21 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Marzu 2002.

Rat l-avviz ta’ l-istess Qorti diversament presjeduta datat 25 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta ghat-12 ta’ Gunju 2002.

Rat l-ordni tal-Qorti kif attwalment presjeduta tat-12 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta, fejn allura din il-Qorti hadet konjizzjoni ghall-ewwel darba ta’ din il-kawza. Dehret Dr. Ilona Blackman ghall-attrici li assumiet il-patroncinju ta’ l-attrici u l-Qorti tat digriet ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata, u l-Qorti ordnat ukoll lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Greta Agius biex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li jkun baqa’ wara l-prezentata ta’ l-affidavits.

Rat ir-rikors ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Mifsud Agius datat 9 t’Ottubru 2002 li permezz tieghu nformat lill-Qorti li rceviet ittra mill-Ministeru tal-Gustizzja fejn l-impjieg taghha bhala Assistent Gudizzjarju gie terminat u ghaldaqstant ma settax tkompli tespleta l-inkarigu taghha, u talbet lill-Qorti tidderiegiha hi.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti ta’ l-10 t’Ottubru 2002 li permezz tieghu l-inkarigu ta’ Dr. Greta Agius bhala Assistent Gudizzjarju fil-kawza gie mibdul ghal dak ta’ Perit Legali u dan a spejjez provizorjament attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti regghet ikkonfermat l-inkarigu ta’ Dr. Greta Mifsud Agius bhala Perit Legali, u estendiet it-terminu ta’ l-affidavit moghti lill-attrici b’erbghin (40) gurnata ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2003 fejn inghatat estensjoni ohra ta’ hamsin (50) gurnata fit-terminu tal-prezentata ta’ l-affidavits attrici, u l-Perit Legali giet ordnata zzomm seduta ohra sabiex jinghalqu l-provi u wara testendi r-rapport taghha mhux aktar tard mit-28 t’Ottubru 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 25 ta' Lulju 2003 fejn talbet li tigi awtorizzata tharrek lir-rapprezentant tad-Detox Centre u li l-istess xhud jigi ezentat mis-sigriet professjonali fl-assenza tal-konvenut.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 29 ta' Lulju 2003 fejn laqghat it-talba u ezentat lil tali xhud mis-sigriet professjonali b'dan li l-istess xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri, lill-Perit Legali u lill-Qorti.

Rat ir-rikors ta' l-attrici ta' l-20 t'Ottubru 2003 fejn talbet li l-Perit Legali tigi awtorizzata tiffissa l-ahhar seduta sabiex jerga' jigi ngunt ir-rapprezentant tad-Detox Centre li minkejja li kien ingunt naqas li jidher fl-ahhar seduta, liema talba giet milqugha mill-Qorti permezz tad-digriet moghti fil-21 t'Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 t'Ottubru 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza thalliet ghar-rapport ghal-1 ta' April 2004.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali fit-30 ta' Jannar 2002; ta' l-20 ta' Marzu 2002 fejn ma sar xejn; tal-11 ta' Gunju 2002 fejn xehdet l-attrici **"A"** u dan minkejja li din kellha tixhed bl-affidavit; tas-17 ta' Settembru 2002 fejn ma deher hadd u s-seduta kellha tithassar; tat-13 ta' Mejju 2003 fejn xehdet oht l-attrici **Adriana Mifsud** prodotta mill-istess attrici; tat-23 ta' Settembru 2003, tat-13 t'Ottubru 2003, ta' l-4 ta' Dicembru 2003 u ta' l-14 ta' Jannar 2004 fejn ma sar xejn peress li allegatament ix-xhud ingunt, ir-rapprezentant tad-Detox Centre baqa' ma deherx; u tat-28 ta' Jannar 2004 fejn xehdet l-**attrici**.

Rat il-verbali ta' l-1 t'April 2004 fejn il-Perit Legali nformat il-Qorti li kienet ser tipprezenta r-rapport u rritornat il-process; tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2004 fejn dehret biss Dr. Ilona Debono ghall-attrici u l-Qorti kienet sprovvista mill-process u l-kawza thalliet ghall-hlas tar-rapport ghall-20 t'Ottubru 2004; ta' l-20 t'Ottubru 2004 fejn minhabba ndispozizzjoni tal-Qorti l-kawza giet differita ghat-22 ta' Frar 2005; tat-22 ta' Frar 2005 fejn il-Perit Legali Dr. Greta

Mifsud Agius ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament, u Dr. Ilona Debono ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li l-konvenut huwa kontumaci; u tat-28 ta' Gunju 2005 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fl-1 ta' April 2004 u mahluf fit-22 ta' Frar 2005, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati, l-istess rapport jinsab esebit a fol. 67 sa fol. 76 tal-process.

Rat li l-konvenut kif inghad minkejja li gie debitament ingunt bic-citazzjoni attrici xorta baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** spjegat illi hi u l-konvenut izzewgu fl-1989 u ghandhom tewmin ta' tnax-il sena. Illi l-problemi bdew xi erba' snin qabel ma bdiet tixhed minhabba li l-konvenut kien qabad vizzju tad-droga. Il-familja tieghu kien jafu li kellu din il-problema. Skond l-attrici waqt li kien hemm din il-kawza pendenti l-konvenut kien il-habs, pero' kien ghadu mhux qed jiskonta sentenza. Hija tghid illi proceduri li hemm kontra r-ragel, ma kienux kollha jikkoncernaw id-droga. L-attrici tistqarr illi minhabba d-droga kienu bdew problemi finanzjarji ghaliex ir-ragel ma kienx jghaddilha flus. Ir-ragel kien jahdem ma' missieru bhala tellar pero' ma kienx dejjem igib il-paga. Qabel kien jahdem minn "Grazia Garage" filwaqt li issa minn Hal-Far. Skond l-attrici ma kellhomx wisq spejjez ta' ikel peress li kienu joqoghdu ma' omm ir-ragel. Hija ddikjarat li llum tghix mill-beneficcju socjali u c-*Children's Allowance*. Illi prezentament it-tfal mhumiex jaraw lil missierhom peress

li l-attrici ma qaltilhomx li jinsab il-habs, ghalkemm meta kien ghadu ghandu ommu kienet tehodhomlu. L-attrici qalet li kienet tghix m'ommha u ma tahdimx. Skond hi peress li bdew jghixu m'omm ir-ragel ma kellhom xejn taghhom – la dar, la ghamara u lanqas karozzi. Fil-fatt tghid li l-konvenut kien juza l-karozza ta' missieru. Madankollu l-attrici tghid li ma kellhomx dejn. L-attrici tispjega li zewgha hareg mill-habs f'Settembru 2003 u mar isegwi programm ta' riabilitazzjoni fil-komunita' ta' Santa Maria. Illi skond l-attrici qabel ma spicca l-habs zewgha u zewg hutu kienu jahdmu ma' missierhom f'garaxx li issa ghandhom go Hal-Far. Maghhom kellhom jahdmu tmien impjegati, u l-konvenut kien jaqla' paga minima, pero' flus ghad-droga dejjem kien ikollu. L-attrici sostniet li qatt m'ghaddielha flus u li flimkien ma wliedha dejjem ghexu bl-assistenza socjali, fejn iddikjarat li tircievi madwar mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm158) fix-xahar. Skond l-attrici probabbilment illum il-konvenut rega' qed jahdem ma' missieru, u rrilevat li l-kura u l-kustodja tat-tfal li ghandhom erbatax-il sena hija f'idejha. Hija qalet li t-tfal jghaddu l-gurnata maghha u mbaghad fil-ghaxija jorqdu ghand omm il-konvenut. Permezz ta' hekk il-konvenut qed jarahom kuljum. Fil-*weekend* it-tfal gieli jorqdu maghha fejn bhalissa qed tghix m'ommha go post zghir, mentri d-dar tal-kunjata hija akbar.

Illi xehdet ukoll oht l-attrici **Adriana Mifsud**, li stqarret li qatt m'ghogobha l-istil ta' hajja li ohtha u l-konvenut kienu jghixu, fejn l-attrici dejjem kienet tigri wahedha bit-tfal u l-konvenut qatt ma jkun maghha. Din ix-xhud qalet li kienet semghet bil-problema tad-droga li kellu l-konvenut minghand ohtha. Qalet ukoll li kienet konxja tal-problemi finanzjarji t'ohtha peress li din gieli ssellfet xi flus minghand missierha u mbaghad kienet thallsu lura.

## <u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi dwar responsabbilta' ta' din il-firda personali ma hemm l-ebda dubju mill-provi li gew ipprezentati quddiem il-Perit Legali fejn jirrizulta li l-konvenut kien il-kagun tas-separazzjoni minhabba l-vizzju tad-droga. B'dan il-vizzju beda jberbaq il-flus u spicca biex anke wehel il-habs fuq

pussess tad-droga. Dan ifisser li l-konvenut ghall-kapricci tieghu halla l-familja tieghu fil-bzonn u ghalkemm ingabu provi li l-istess konvenut kellu mpjieg ma’ membri tal-familja tieghu bhala tellar huwa xorta wahda ma hallas ebda manteniment la lill-attrici u lanqas lill-istess uliedu.

Illi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li in vista ta’ dawn il-fatti hemm ragunijiet sufficjenti sabiex il-konjugi Vella jinghataw is-separazzjoni minn xulxin b’tort unikament tal-konvenut, u dan minhabba sevizzi u minacci u li kawza ta’ l-istess il-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli, u kawza ta’ dan l-agir *da parte* tieghu l-hajja bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri jigi osservat fl-interess ta’ l-istess minuri, din it-talba ghandha tinghata l-attenzjoni partikolari, u dan peress li jirrizulta mill-provi li l-konvenut kellu l-vizzju tad-droga. Suppost huwa kellu jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni pero’ ma huwiex car x’sehh minn dan.

Illi huwa minnu li l-attrici stess tikkonferma li l-konvenut segwa programm ta’ riabilitazzjoni fil-komunita’ ta’ Santa Maria, izda essenzjalment ma hemmx provi konkreti li jiccertifikaw lill-konvenut *“clean”* minn dan il-vizzju.

Illi mill-banda l-ohra l-attrici spjegat illi t-tfal taghha jorqdu ghand omm il-konvenut u ghalhekk peress illum l-istess konvenut jinsab barra mill-habs, kif ukoll barra mill-programm ta’ riabilitazzjoni t-tfal jarahom kuljum ghand il-genituri tieghu.

Illi l-attrici wkoll ikkonfermat li t-tfal jghaddu l-gurnata kollha maghha u gieli fil-*weekend* jorqdu maghha. Il-problema hi li hi toqghod ma’ ommha u l-post huwa zghir.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-attrici ghandha tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, b’dan pero’ li minhabba l-arrangament attwali li hemm bhalissa u li ilu jsehh zmien, fis-sens li l-istess minuri jmorru jorqdu ghand il-genituri tal-konvenut, l-access tal-minuri minn missierhom ghandhu jsehh biss fil-prezenza tal-genituri

tieghu. Ghal dan l-iskop din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Apogg sabiex tissorvelja u timmonitorja din is-sitwazzjoni fl-interess suprem tal-minuri, u dan a spejjez ta' l-istess konvenut. Din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg mill-attrici u a spejjez ta' l-istess attrici. Tordna wkoll li l-konvenut jikkomunika ma' l-Agenzija Appogg u ma' Agenzija ohra adatti sabiex jekk ikun il-kaz jiehu l-kura li hemm bzonn ghall-allegat vizzju ta' abbuz tad-droga u sabiex l-istess Agenziji jirregolaw l-access ta' l-istess fl-interess u minghajr ebda hsara lill-istess minuri. L-access ghandu jkun dejjem fir-residenza tal-genituri tal-konvenut u biss f'hinijiet u granet meta wiehed mill-genituri tal-konvenut ikun prezenti.

Illi dwar il-kwistjoni ta' manteniment jirrizulta li l-konvenut kien jahdem fil-garaxx ta' missieru, flimkien ma' hutu u kellu almenu paga minima bhala tellar. Jirrizulta li fl-istess waqt kellu l-vizzju tad-droga u ghalhekk flus kien iberbaq. Imbaghad ghamel zmien konsiderevoli l-habs.

Illi l-attrici ssostni li llum il-konvenut qed jahdem ma' missieru, izda provi ta' x'inhu l-introjtu tieghu ma gabitx u ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi l-manteniment ghandu jkun dak ta' hamsin fil-mija (50%) ta' l-introjtu kollu attwali tieghu mill-istess impjieg, u dan kemm bhala manteniment ghall-attrici (nofs l-istess persentagg hawn indikat) u kemm bhala manteniment ghal uliedu minuri (in-nofs l-iehor tal-persentagg hawn indikat), pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess atttrici. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut jew lis-socji mieghu fl-istess xoghol u azjenda, sabiex tali persentagg ta' manteniment jinqata' direttament mill-paga u ntrojtu tal-konvenut u jintbaghat lilha bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha minuri. Tordna wkoll li l-attrici tibqa' tircievi l-beneficcji socjali kollha dovuta lilha skond il-ligi kemm bhala mara mizzewga u hekk separata u kemm ghan-nom ta' l-istess minuri, specjalment fil-kaz li l-istess minuri jibqghu ma jigux mantnuti mill-konvenut, kif jidher li sar fil-mori tal-kawza minkejja d-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Tikkonferma d-dritt ta' l-attrici f'isimha u bhala

rapprezentanti ta’ wliedha ghall-hlas ta’ l-arretrati kollha ta’ manteniment lilha dovuti konsegwenti ghad-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 24 ta’ Ottubru 2000.

Illi mix-xhieda prodotta mill-attrici jidher illi l-konjugi ma kellhomx assi kemm mobbli kif ukoll immobbli ghaliex kienu jghixu mal-genituri tal-konvenut. Dawn ta’ l-ahhar kienet thallsilhom il-hajja ta’ kuljum u ghalhekk filwaqt li tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mis-26 ta’ Settembru 2000, tiddikjara li l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti f’xejn ta’ valur u allura ma hemm xejn x’jigi likwidat u diviz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi “A” u “B” minhabba sevizzi u minacci li l-konvenut ikkommetta fuq l-attrici u li kawza ta’ l-istess il-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli, u kawza ta’ dan l-agir *da parte* tal-konvenut il-hajja bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment, anke peress li kif fuq spjegat il-konvenut naqas li anke jmantni lill-attrici u lill-uliedha.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri f’idejn l-attrici b’dan li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif fuq spjegati l-access tal-minuri minn missierhom ghandu jsehh biss fil-prezenza tal-genituri tieghu jew ta’ wiehed jew wahda minnhom (tal-konvenut). Ghal dan l-iskop din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Apogg sabiex tissorvelja u timmonitorja din is-sitwazzjoni fl-interess suprem ta’ l-istess minuri u dan a spejjez ta’ l-istess konvenut. Din il-Qorti tordna li a spejjez tal-attrici, kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg mill-istess attrici. Tordna wkoll li l-konvenut jikkomunika ma’ l-Agenzija Appogg u ma’ Agenziji ohra adatti sabiex jekk ikun il-kaz jiehu l-kura li hemm bzonn ghall-allegat

vizzju ta' abbuz tad-droga u sabiex l-istess Agenziji jirregolaw l-access ta' l-istess fl-interess u minghajr ebda hsara lill-istess minuri, b'dan li *tramite* s-*social workers* taghha l-istess Agenzija zzomm kuntatt ma' l-istess minuri. L-access ghandu jkun dejjem fir-residenza tal-genituri tal-konvenut u biss f'hinijiet u granet meta wiehed mill-genituri tal-konvenut ikun jew tkun prezenti. Tordna wkoll lill-attrici tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Tfal.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija wliedha minuri r-rata ta' hamsin fil-mija (50%) ta' l-introjtu kollu tieghu mill-impjieg attwali tieghu, u dan kemm bhala manteniment ghaliha (nofs l-istess persentagg hawn indikat) u kemm bhala manteniment ghal uliedu minuri (in-nofs l-iehor tal-persentagg hawn indikat), pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' l-istess sentenza lill-*employer* tal-konvenut jew lis-socji mieghu fl-istess xoghol u azjenda, sabiex tali persentagg ta' manteniment jinqata' direttament mill-paga u ntrojtu tal-konvenut u jintbaghat lilha bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha minuri b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Tordna wkoll li l-attrici tibqa' tircievi l-beneficcji socjali kollha dovuta lilha skond il-ligi kemm bhala mara mizzewga u hekk illum separata legalment, u kemm ghan-nom ta' l-istess minuri, specjalment fil-kaz li l-istess minuri jibqghu ma jigux mantnuti mill-konvenut, kif jidher li sar fil-mori tal-kawza minkejja d-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Tikkonferma d-dritt ta' l-attrici f'isimha u bhala rapprezentanti ta' wliedha ghall-hlas ta' l-arretrati kollha ta' manteniment lilha dovuti konsegwenti ghad-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 24 ta' Ottubru 2000, u tikkundanna lill-konvenut ihallasha f'isimha u ghan-nom ta' wliedha l-arretrati ta' manteniment skond id-digriet indikat.

4. Tilqa' din it-talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'effett mis-26 ta' Settembru 2000 u tiddikjara li l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

5. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

6. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut filwaqt li tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jikkomunika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal, kollox a spejjez ta' l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------